**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI STRUTTORJA0**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Scicluna**

**Kumpilazzjoni 106/2016**

**Illum 5 ta' Dicembru 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Scicluna detentur tal-karta tal-identita bin-numru **885350M** billi huwa akkuzat talli f' Gunju 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel f'ismu proju u/jew fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal- kumapniji TSC Construction Limited (C5669) u Scicbuild Limited (C25597) b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi neqda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qlih ta aktar minn

hamest elef euro (5,000.00) u dan bi hsara ta' Carmelo Borg ID 585956M u/jew Emanuela Borg ID 0256762M.

Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000.00) li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju u dan bi hsara u dan bi hsara ta' Carmelo Borg ID 585956M u/jew Emanuela Borg ID 0256762M

Il-Qorti giet mitluba li f' kas ta' htija tqis lill-imputat Anthony Scicluna bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

**Ikkunsidrat;**

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-11 ta' Novembru 2016, wara li l-Qorti semghet xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni u saret trattazzjoni mill-avukat tal-parte civile Dr Alfred Abela u tal-avukat difensur Dr. Arthur Azzopardi, l-kawza giet differita ghall-5 ta' Dicembru 2016 biex in bazi ghall-provi migbura sa dak in-nhar, kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqeghdu taht att ta' akkuza (prima facie).

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta' dan id-digriet irid jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jipogga taht att ta' akkuza, cioe l-ezercizju impost fuq il-Qorti Struttorja ai termini ta'l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

> *Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.*

Illi ghandu jigi rilevat *ab inizio* li din id-dispozizzjoni ma tirreferiex ghal *provi bizzejjed* izda *raġunijiet bizzejjed,* u dawn iridu jkun ragunijiet bizzejjed *biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali*. Ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti, Qorti Struttorja, m'ghandhiex il-kompitu li tiddeciedi a bazi tal-provi prodotti u l-evalwazzjoni approfondita taghhom, jekk l-imputat huwiex hati jew le ta' l-imputazzjonijiet lilu addebietati. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza **Carmel u Helen konjugi Galea vs Il-Kummissarju tal-Pulizja**[1] il-Qorti Kriminali qalet li l-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz[2] ma kellhiex il-kompitu li tiddeciedi, b'applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x'temmen jew lil min temmen. Imma

---

[1] Deciza fid-19 ta' Awissu 2004.

[2] Dak kien kaz ta' *challenge* ai termini ta'l-artikoli 541(3) tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

li l-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz kien semplicement li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*. Il-Qorti Kriminali kompliet biex tghid li dan il-grad *prima facie* huwa *l-istess grad ta' prova, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza*.

Illi dan il-principju, u cioe li l-grad ta' prova rikjest f'l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja ma' l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa wiehed *prima facie,* huwa assodat fis-sistema gudizzjarja taghna u m'ghandux ikun hemm dubbji fir-rigward. Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll kellha opportunita li taghmel ezami approfondit ta' dak li jirrikjedi dan l-artikolu 401(2). Fil-kawza **Mark Charles Kenneth Stephens vs l-Avukat Generali**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *F'gheluq il-kumpilazzjoni – u ghalhekk meta issa kienu nstemghu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ... – dik il-Qorti waslet fl-istadju li tiddeciedi jekk hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). ... .... ... ... il-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni ta' Qrati ohra ta' Gustizzja Kriminali. Dak li huwa kien qed jitlob li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*
>
> *Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie,*

[3] Deciza f'l-14 ta' Frar 2006.

*dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw[4]*** *imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, ... ...*

Illi ghalhekk l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja wara l-eghluq tal- kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi ta' provi prodotti sa

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.

dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie,* l-elementi kollha tar-reati li bih qed jigi abbedietat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie,* dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghal principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno ta'l-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*

> *Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw***[5] *imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, ...*

*...*

Illi ghalhekk l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi ta' provi prodotti sa dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi abbedietat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghal principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno ta'l-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in pro reo*, f'dan l-istadju l-Qorti Struttorja, rinfaccjata b'dubbju hekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat lilu addebietat, dan id-dubbju ghandu jimmilita favur it-tqeghied taht att ta' akkuza u mhux favur il-liberatorja ta' l-imputat.

Illi dwar x'inhi "prova *prima facie*" kellha opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza **Anthony**

**Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulzija**[6]. Hemm, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li prova *prima facie* tikkomporta oneru anqas minn dak tal-probabbli pero aktar minn dak tal-possibbli, oneru li jista' jigi deskritt bhala *a case to answer*. Il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*
>
> *Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*
>
> *Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*
>
> *Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa*

---

[6] Deciza 23 ta' Settembru 2010. Din ukoll kienet sentenza fuq procedura ta' *challenge* ai termini ta' l-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiha il-Qorti Kriminali ezaminat dak rikjest mill-Qorti Struttorja f'l-istadju deskritt f'l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 u applikatu b'analogija ghall-procedura tac-*challenge*.

*differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan, Qorti Kanadiza, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.*

Fil-kaz Il-**Pulizija vs Giovanni Calcaterra**, dekretat mill-Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Frar 2014 gie inter alia dekretat li dan il-grad ta' *prima facie* huwa l-istess għall-kazijiet kollha fejn il-Qorti tal-Magistrati hija meħtiega bil-Ligi li tilħaq dak il-grad, inkluz fi proceduri ai termini tal-

Artikolu 401 tal-Kodici Kriminali quddiem il- Qorti tal-Magistrati bħala qorti istruttorja. Dan ifisser li l-grad ta' *prima facie* jistrieħ fuq livell ta' konviiment ferm aktar baxx minn dak meħtieg minn min irid jiggudika l-fatti sabiex ikun jista jsib ħtija, u kif intqal fis-sentenza hawn fuq imsemmija in **re Xuereb**, jistrieħ fuq livell bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli – u dipendenti fuq jekk il-Qorti tqisx li hemm provi bizzejjed li kien jistħoqqilhom aktar investigazzjoni.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti (Qorti Struttorja), f'dan l-istadju huwa jekk, fil-konfront tal-imputat, a bazi tal-provi prodotti, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi addebietat l-istess imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Fi kliem iehor jekk fil-konfront tal-imputat jezistux l-elementi kollha tar-reati in ezami u jekk hemmx *a case to answer*.

Din il-Qorti għalhekk giet mistiedna tezamina dan il-kaz kemm mill-aspett tar-reat t'approprjazzjoni indebita kif ukoll minn dik ta' "frodi". Il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-ezami dwar jekk hemmx provi *prima facie* li jwasluha li tista' tikkonkludi li f'dan il-każ hemm l-estremi tat-truffa jew frode innominata.

L-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi s-segwenti :

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddieħor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jgib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir uzu minnha specifikat,*

*jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Gauci** nhar l-14 ta' Frar 1997, il-Qorti stqarret li l-elementi tar-reat de quo huma s-segwenti : -

*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l- obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.*

*Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li Scicluna u l-konjugi Borg kienu daħlu fi ftehim dwar xiri ta' art b'patti u kundizzjonijiet miktuba.

Mill-banda l-oħra, l-interpretazzjoni tal-parti tal-*actus reus* "minn ħaga ta' ħaddieħor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jgib miegħu l-obbligu tar- radd tal-ħaga".

F'dan il-kaz, ma jirrizulta li kien hemm ebda obbligu simili.

Għalhekk il-Qorti tqis li ma hemmx provi sufficjenti li jwasluha tikkonkludi li hemm *prima facie* kaz t'approprjazzjoni indebita.

Inoltre l-Qorti trid tagħrbel jekk il-*fattispecie* f'dan il-każ jussubentrawx fil-qafas aktar wiesa' tal-"frodi" anke billi jigu moqrija fid-dawl ta' dak stabbilit mis-sentenza Il-**Pulizija vs Nicholas Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Lulju 1988.

F'din il-kawza, anke b'riferenza għall-kazistika tal-Cassazione Taljana, gie deciz li l-konsenja tal-oggett mis-suggett passiv lis-suggett attiv dejjem trid tkun volontarja kemm fil-kaz ta' truffa kif ukoll fil-kaz tal-approprjazzjoni indebita. Biss hemm differenza fis-sens li fil-kaz tal-approprjazzjoni indebita il-volonta tas-suggett passiv li jikkonsenja l-oggett tkun ħielsa mentri fil-kaz tat-truffa, il-volonta tas-suggett passiv li jikkonsenja l-oggett tkun giet miksuba konsegwenza tal-qerq u raggiri adoperati mis-suggett attiv.

Gie deciz ukoll li fl-approprjazjoni indebita, il-frodi tirrizulta wara li tkun saret il-konsenja tal-oggett mentri fir-reat ta' truffa l-aspett frawdolenti manifestat fir-raggiri jew artifizji jippreceduu l-konsenja tal-oggett in kwantu jkunu l-kawza tal-konsenja innifisha.

L-appropriazzjoni indebita isseħħ in segwitu li jkun gie mogħti l-inkarigu specjali jew mandat specjali liberament magħmul mis-suggett

passiv lis-suggett attiv u dan in bazi għall-fiducja li s-suggett passiv ikollu fis-suggett attiv, li jispicca jittradixxi dik il-fiducja wara li jkun ircieva l-oggett mingħand is-suggett passiv li jkun fdah. Mill-banda l-oħra fir-reat ta' truffa il-konsenja tal-oggett isseħħ frott tar-raggiri jew artifizji ad opera tas-suggett attiv fuq is-suggett passiv u li jsiru qabel il-konsenja tal-oggett mis-suggett passiv lis-suggett attiv.

Għalhekk is-suggett attiv li jagħti x'jifhem lis-suggett passiv, li huwa proprjetarju t'oggett meta fil-fatt ma jkunx, bil-ħsieb li jottjeni self mingħand is-suggett passiv, jirrendi ruħu ħati ta' truffa u mhux approprjazzjoni indebita.

Din il-Qorti ma tarax li f'dan il-kaz jista' jkun ritenut pruvat, fuq bazi *prima facie* l-element tar-raggiri jew artifizji li jirriżulta wkoll nieqes mill-provi prodotti.

Fil-fehma tal-Qorti il-provi prodotti juru kaz ta' inadempiment kontrattwali. Biss dawn huma proceduri ta' natura penali u jridu jigu soddisfatti l-kriterja penali sabiex din il-Qorti  tiddikjara li hemm provi **prima facie** kontra l-imputat Antonio Scicluna.

Konsegwentement il-grad tal-*prima facie* kif imfisser mill-kazistika ta' dawn il-Qrati ma giex soddisfatt.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qed tiddeciedi:**

Li m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Anthony Scicluna jitqieghed taht att ta' akkuza u konsegwentament tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

U tordna lir-Registratur sabiex din id-decizjoni u l-atti tal-kawza jigu notifikati lill-Avukat Generali fi zmien rikjest mil-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**